KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 30.12.2004
KUMM(2004)838 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL**

**(1) fuq qafas finanzjarju multi-annwali għall-kooperazzjoni fl-iffinanzjar ta' l-iżvilupp taħt il-Ftehim tas-Sħubija ACP-UE u (2) fuq abbozz ta' Proposta relatata għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tiffissa d-data li minnha 'l quddiem jinħallu l-obbligi tal-fondi tad-Disa' Fond ta' l-Iżvilupp Ewropew**

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li tiffissa għeluq iż-żmien għall-impenn tal-fondi tad-Disa' Fond ta' l-Iżvilupp Ewropew (EDF)**

(preżentati mill-Kummissjoni)

MT MT

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL**

**(1) fuq qafas finanzjarju multi-annwali għall-kooperazzjoni fl-iffinanzjar ta' l-iżvilupp taħt il-Ftehim tas-Sħubija ACP-UE u (2) fuq abbozz ta' Proposta relatata għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tiffissa d-data li minnha 'l quddiem jinħallu l-obbligi tal-fondi tad-Disa' Fond ta' l-Iżvilupp Ewropew**

## TAQSIRA EŻEKUTTIVA

F'Ottubru ta' l-2003, il-Kummissjoni ppubblikat komunikazzjoni fuq l-integrazzjoni sħiħa tal-kooperazzjoni ma' l-Afrika, il-Karibew u l-Pajjiżi tal-Paċifiku (ACP) u l-Pajjiżi u t-Territorji Barranin (OCT) fl-estimi ta' l-UE. Din għamlet sejħa lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew biex jappoġġjaw "l-approvazzjoni ta' l-estimi" tal-Fond ta' l-Iżvilupp Ewropew (EDF)[1]. Il-Parlament Ewropew esprima lilu nnifsu favur dawn l-estimi iżda s'issa l-Kunsill ta' l-UE għadu ma ħax pożizzjoni finali. Sadattant, id-direttivi tal-Kunsill għan-negozjati fuq ir-reviżjoni tal-Ftehim tas-Sħubija ACP-KE jitolbu biex "*isiru t-tħejjijiet meħtieġa biex ikunu ssuktati ż-żewġ għażliet, l-integrazzjoni u l-Għaxar EDF*" u biex in-negozjati jitkomplew sa mhux aktar tard mit-28 ta' Frar 2005[2]. Il-Kunsill tal-Ministri Konġunt ta' l-ACP-UE li ltaqa' f'Gaborone fis-7 ta' Mejju 2004 ikkonferma li, skond id-deċiżjoni fuq l-estimi, il-Kummissjoni għandha tipproponi l-Għaxar EDF.

L-estimi proposti ġew inkorporati fil-Perspettivi Finanzjarji 2007-2013[3], fil-Komunikazzjoni fuq l-Istrumenti għall-Għajnuna Barranija taħt il-Perspettivi Finanzjarji tal-Ġejjieni 2007-2013, kif ukoll fil-Proposti għal Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill li jwaqqaf strument biex ikunu ffinanzjati l-kooperazzjoni fl-iżvilupp u strument ta' l-istabbiltà[4].

Il-Ftehim tas-Sħubija ACP-UE jipprovdi biex issir valutazzjoni dwar il-grad li għalih il-fondi jkunu ntrabtu u tħallsu. Dan għandu jservi bħala bażi biex tkun analizzata l-ħtieġa għar-riżorsi l-ġodda wara li jkun għalaq iż-żmien tal-protokoll finanzjarju eżistenti, li jkopri l-perjodu 2000-2007[5]. L-UE speċifikat ukoll li meta ssir valutazzjoni ta' din il-ħtieġa, għandha titqies b'mod sħiħ id-data li minnha 'l quddiem jinħallu l-obbligi tal-fondi tad-Disa' EDF[6].

Għalhekk, il-Komunikazzjoni tistma kif mar id-Disa' EDF u tispjega fid-dettal il-perspettivi finanzjarji għall-kooperazzjoni ta' l-iffinanzjar ta' l-iżvilupp taħt il-Ftehim tas-Sħubija ACP-UE. Fl-aħħarnett, il-Komunikazzjoni tirrakkomanda li l-Kunsill (i) għandu jadotta l-abbozz tad-deċiżjoni mehmuża li tiffissa l-31 ta' Diċembru 2007 bħala d-data li minnha 'l quddiem jinħallu l-obbligi tal-fondi tad-Disa' EDF, u (ii) għandu jawtorizza lill-Kummissjoni biex tikkomunika formalment lill-Grupp ta' l-ACP il-pakkett finanzjarju propost għall-

---

1 KUMM(2003)590, tat-8.10.2003.

2 Id-Direttivi tan-Negozjati adottati mill-Kunsill, tat-28.04.2004.

3 KUMM(2004)101, tas-26.02.2004 fuq il-Bini tal-Ġejjieni Komuni Tagħna u KUMM(2004)487, tal-14.07.2004 fuq il-Perspettivi Finanzjarji 2007-2013.

4 KUMM(2004)626, 629 u 630, tad-29.09.2004.

5 Il-Ftehim tas-Sħubija ACP-KE, Protokoll Finanzjarju, Anness I.7.

6 Dikjarazzjoni ta' l-UE fuq il-Protokoll Finanzjarju, mehmuż bħala d-Dikjarazzjoni XVIII għall-Ftehim tas-Sħubija ACP-KE u l-Ftehim Intern, l-Artikolu 2(4), ĠU L 317, tal-15.12.2000.

kooperazzjoni ta' l-iffinanzjar ta' l-iżvilupp taħt il-Ftehim tas-Sħubija ACP-UE taħt il-perspettivi finanzjarji tal-ġejjieni 2007-2013.

## 1. DAĦLA

L-Unjoni Ewropea żżomm relazzjonijiet speċjali ta' kummerċ u ta' kooperazzjoni ta' l-iżvilupp mal-grupp tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw ta' l-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (ACP). Dan qed isir permezz tal-Ftehim tas-Sħubija ACP-UE li kien ġie ffirmat f'Cotonou nhar it-23 ta' Ġunju 2000 għal perjodu ta' 20 sena b'seħħ mill-1 ta' Marzu 2000.

Il-komponent tal-kooperazzjoni ta' l-iffinanzjar ta' l-iżvilupp tal-Ftehim ta' Cotonou huwa ffinanzjar mill-Fond ta' l-Iżvilupp Ewropew (EDF), iddefinit bi protokoll finanzjarju għal kull perjodu ta' ħames snin. L-ammont sħiħ ta' l-ewwel protokoll finanzjarju ta' ħames snin (id-Disa' EDF), miżjud bil-bilanċi li kienu ġew ittrasferiti mill-EDFs ta' qabel, ikopri l-perjodu 2000-2007. Dan il-protokoll finanzjarju huwa mehmuż mal-Ftehim ta' Cotonou bħala l-Anness 1 u jifforma parti integrali minn dan il-Ftehim.

Il-Ftehim ta' Cotonou inkluda xi tibdil kbir fis-sħubija ACP-UE, inkluż tnaqqis fin-numru ta' strumenti ta' kooperazzjoni, il-konċentrazzjoni ta' l-interventi f'oqsma ta' attenzjoni u programmar imtejjeb ibbażat fuq karti ta' strateġija u indikaturi ta' turija mxaqilba lejn ir-riżultati li jistgħu jitkejlu.

Meta wieħed iqis li l-estimi ta' l-EDF jistgħu jsaħħu l-għanijiet marbuta ma' l-innovazzjonijiet tal-Ftehim ta' Cotonou kif ukoll ir-riformi interni fl-organizzazzjoni ta' kif tingħata l-għajnuna tal-Kunmmissjoni Ewropea lil pajjiżi terzi, u li dawn jistgħu jgħinu biex ikun hemm politika ta' kooperazzjoni Ewropea li tkun aktar viżibbli, koerenti u effettiva, f'Ottubru tas-sena 2003 il-Kummissjoni kienet ippreżentat komunikazzjoni lill-Kunsill u lill-Parlament dwar l-integrazzjoni sħiħa ta' kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' l-ACP u mal-Pajjiżi u t-Territorji Barranin (OCT) fl-estimi ta' l-UE. L-estimi ta' l-EDF kienu ġew integrati fit-tħejjija tal-Perspettivi Finanzjarji 2007-2013, u, f'Settembru ta' l-2004, il-Kummissjoni inkorporathom fl-istrumenti għall-Għajnuna Barranija taħt il-proposta għall-Perspettivi Finanzjarji tal-Ġejjieni 2007-2013.

S'issa, il-Kunsill ta' l-UE għadu ma ħax pożizzjoni finali fuq dawn l-estimi. Id-direttivi tan-negozjati għar-reviżjoni tal-Ftehim ta' Cotonou jiddikjaraw li skond din id-deċiżjoni, *il-Kummissjoni għandha tagħmel it-tħejjijiet meħtieġa biex tissokta ż-żewġ għażliet: l-approvazzjoni ta' l-estimi u l-Għaxar EDF*. Il-Kunsill Konġunt tal-Ministri ACP-UE li ltaqa' f'Gaborone fis-7 ta' Mejju 2004 ikkonferma li, skond id-deċiżjoni li tittieħed fuq l-estimi, il-Kummissjoni għandha tipproponi l-Għaxar EDF. Irrispettivament minn jekk l-għajnuna tingħatax taħt l-Estimi jew il-EDF, il-livell ta' għajnuna lill-ACP għandha tkun l-istess u tirrifletti x-xenarju integrat fil-Perspettivi Finanzjarji 2007-2013. Madankollu, il-Kummissjoni għadha u tibqa' ssostni li l-estimi huma l-aħjar tweġiba f'termini ta' viżibbiltà politika ogħla u effettività akbar, tweġiba aktar mgħaġġla u effiċjenza aħjar għan-nefqa. L-imsieħba ta' l-ACP se jkunu l-ewwel li se jgawdu minn din l-għażla.

## 2. IT-TURIJA FINANZJARJA TA' L-EDF

Il-Ftehim ta' Cotonou jispeċifika li l-ħtieġa għal riżorsi ġodda għandha tiġi bbażata fuq valutazzjoni tal-grad li għalih il-fondi tad-Disa' EDF jkunu ntrabtu u tħallsu u d-data li minnha 'l quddiem l-obbligi ta' dawn jinħallu[7].

**Rabtiet u pagamenti ta' l-EDF (1990-2003)**
**(ammonti grossi – valuri nominali)**




| | 1990 | 1991 | 1992 | 1993 | 1994 | 1995 | 1996 | 1997 | 1998 | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 (tbassir) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Deċiżjonijiet | 953.250 | 1.432.600 | 2.236.450 | 1.843.040 | 2.688.670 | 1.874.270 | 1.538.110 | 784.350 | 2.606.340 | 2.958.050 | 4.006.880 | 1.920.570 | 2.114.500 | 4.127.000 | 3.185.000 |
| Pagamenti | 1.256.630 | 1.191.300 | 1.984.090 | 1.443.240 | 1.859.930 | 1.758.070 | 1.508.780 | 1.382.260 | 1.595.440 | 1.352.290 | 1.640.390 | 2.124.490 | 1.902.490 | 2.431.000 | 2.565.000 |

Kif muri fit-tabella, it-turija ta' l-EDF fis-sena 2003 kienet fl-aqwa tagħha. Din l-evoluzzjoni pożittiva ma ġratx biss minħabba operati mhux rikorrenti ta' darba; ix-xejra 'l fuq fil-ħlasijiet b'mod speċjali, li diġà kienet innutata fis-snin ta' qabel, hija kkonfermata bil-figuri proviżorji għas-sena 2004. Dawn ir-riżultati inkuraġġanti nkisbu minkejja l-fatt li l-kooperazzjoni ma' numru ta' pajjiżi ta' l-ACP kienet imfixkla bl-inċertezza jew il-kriżijiet politiċi u/jew l-effetti ta' wara ta' diżastri naturali.

Meta wieħed iqis it-trasferimenti li saru s'issa fil-bilanċi mill-EDFs ta' qabel (2 617 miljun Euro) u meta jitqies ir-rilaxx ta' parti mill-'biljun kundizzjonali' għall-bidu tal-Faċilità ta' Ilma ta' l-UE (250 miljun Euro)[8], l-ammont sħiħ ikkonsolidat ta' fondi disponibbli taħt id-Disa' EDF s'issa huwa ta' 15 367 miljun Euro.

Minn dan l-ammont, 4 855 miljun Euro kienu diġà marbuta sa l-aħħar ta' Settembru ta' l-2004. Meta jitqiesu r-rabtiet addizzjonali mistennija fl-aħħar kwart ta' l-2004, sa l-aħħar tas-sena 9 345 miljun Euro biss se jibqgħu mhux marbuta, jew, bħala medja, 3 115 miljun Euro għal kull sena matul il-perjodu li jkun baqa' tad-Disa' EDF. Meta jitqies it-taħlil fuq il-programmi li għadhom għaddejjin li jlaħħaq is-somma ta' +/- 320-340 miljun Euro matul l-aħħar 5 snin, il-livell gross tar-rabtiet annwali meħtieġa biex jassorbi l-bilanċi mhux allokati tad-Disa' EDF huwa ta' madwar 3 445 miljun Euro. Dan jitqabbel mal-livell gross medju ta' rabta ta' 3 656 miljun Euro matul l-aħħar sentejn (2003-'04).

---

[7] Għal valutazzjoni aktar dettaljata tat-turija finanzjarja s'issa, ara l-Anness 1.

[8] Id-Dikjarazzjoni XVIII mehmuża mal-Ftehim tas-Sħubija ACP-KE u l-Ftehim Intern, l-Artikolu 2(2), tispeċifika li mill-ammont ġenerali ta' 13 500 miljun Euro tad-Disa' EDF, 1 000 miljun Euro se jiġu rilaxxati fuq il-bażi ta' reviżjoni ta' turija li tkun saret fl-2004. Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/289 tat-22.03.2004 kien miftiehem li jiġi rilaxxat l-ewwel pagament ta' 250 miljun Euro mill-'biljun kundizzjonali' u biex sa Marzu 2005 tittieħed deċiżjoni dwar ir-rilaxx tal-bilanċi.

Il-EuropeAid aġġornat t-tbassir tagħha[9], fejn appoġġjat l-idea li d-Disa' EDF, inklużi l-bilanċi ta' l-EDFs ta' qabel u l-ewwel pagament ta' 250 miljun Euro tal-Faċilità ta' l-Ilma, iffinanzjati mill-'biljun kundizzjonali', se jkun marbut b'mod sħiħ sa tmiem is-sena 2007, il-perjodu kopert mid-disa' EDF.

Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni qed tipproponi li tiffissa il-31 ta' Diċembru 2007 bħala d-data li minnha 'l quddiem se jinħallu l-obbligi tal-fondi tad-Disa' EDF li jkun baqa' u mmexxija mill-Kummissjoni kif ukoll is-sussidji fuq l-interessi mmexxija mill-EIB.

## 3. Il-Perspettivi Finanzjarji wara d-Disa' EDF

*Il-livell ta' Għajnuna*

Il-livell ta' għajnuna għall-ACP m'għandux jiddependi fuq l-għażla ta' l-istrument; dan għandu jkun l-istess, irrispettivament minn jekk l-għajnuna tingħatax taħt l-Estimi jew inkella l-EDF. Madankollu huwa ċar li, fil-każ li ma jkunux provduti l-estimi, fejn allura jinżammu żewġ sistemi separati, il-piż amministrattiv fuq l-estimi se jkun ogħla.

F'April ta' l-2004, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni favur l-estimi ta' l-EDF. Fir-riżoluzzjoni tiegħu, il-Parlament saħaq dwar "*il-ħtieġa li jkun żgurat ... li ma jkunx hemm tnaqqis fil-valur ġenerali tal-fondi allokati lill-EDF wara l-approvazzjoni ta' l-estimi*".

Meta wieħed iqis li f'dawn l-aħħar snin il-fondi nominali ta' l-EDF twittew, kif ukoll naqsu f'termini reali fil-każ tad-Disa' EDF[10], il-pajjiżi ta' l-ACP esprimew ruħhom ħafna drabi dwar il-livell ta' għajnuna tal-ġejjieni, l-aktar fl-eventwalità ta' approvazzjoni ta' estimi.

Il-Komunikazzjoni fuq l-approvazzjoni ta' l-estimi, għalhekk, tipproponi espressament li l-pakkett finanzjarju ekwivalenti għall-EDF maħsub lill-ACP fl-estimi "*għandu jimmira minn ta' l-inqas li jżomm il-livell sħiħ ta' appoġġ għar-reġjun li hu pprovdut mill-EDF u li jkun iggwidat bl-evoluzzjoni ġenerali tad-Dħul Gross Nazzjonali ta' l-UE*".

Ibbażat fuq il-bilanċi mhux marbuta ta' l-EDFs ta' qabel fit-tmiem tas-sena ta' qabel, l-iffirmar tad-Disa' EDF (9 800 miljun Euro fl-aħħar tas-sena 1999)[11] u l-ammont tad-Disa' EDF, inklużi l-biljun kundizzjonali u l-ispejjez ta' l-implimentazzjoni (13 800 miljun Euro), għall-perjodu 2000-2007 kien hemm disponibbli ammont nominali sħiħ ta' 23 600 miljun Euro. Fuq il-bażi tar-reviżjoni tat-turija, il-Kummissjoni tqsiha bħala xi ħaġa probabbli li l-fondi kkonsolidati tad-Disa' EDF, inkluż il-biljun kundizzjonali, se jkunu marbutin b'mod effettiv sa l-aħħar tas-sena 2007 bħala riżultat tal-ħila mtejba tal-Komunità biex torbot u tqassam il-fondi ta' l-EDF. Fuq il-bażi ta' l-estimi tal-Kummissjoni tad-Dħul Gross Nazzjonali (GNI) matul l-istess perjodu, dan l-ammont jirrappreżenta 0,031 % tad-Dħul Gross Nazzjonali ta' l-UE15, u huwa l-istess għall-ħila medja ta' assorbiment għall-fondi ta' l-EDF taħt l-EDFs preċedenti (għal figuri dettaljati ara l-Anness 2).

---

9 KUMM(2004)763, tad-19.11.2004.

10 Mill-perspettiva tal-pajjiżi benefiċjarji, is-sitwazzjoni hija agħar: bejn is-Seba' EDF u d-Disa' EDF, l-għajnuna reali *per capita* għal kull benefiċjarju naqset bi 30 % meta wieħed iqis it-tkabbir demografiku ta' aktar minn 40 % (tkabbir naturali u l-espansjoni tal-grupp ta' l-ACP) kif ukoll l-inflazzjoni ta' aktar minn 25 % matul il-perjodu 1990-2000.

11 Meta l-Kunsill iddeċieda fuq id-Disa' EDF, il-bilanċi mhux marbuta ta' l-EDFs ta' qabel kienu stmati li jlaħħqu biss 9 000 miljun Euro (ara l-Anness 2).

Bi tħejjija għall-Konferenza Internazzjonali fuq l-Iffinanzjar għall-Iżvilupp li nżammet f'Monterrey, il-Kunsill Ewropew ta' Barċellona f'Marzu ta' l-2002, reġa' saħaq fuq ir-rabta tiegħu li jilħaq il-Miri ta' l-Iżvilupp tal-Millenju u wiegħed li jistħarreġ il-mezzi u l-limitu ta' żmien għal kull Stat Membru biex jilħaq il-mira tal-UN ta' 0,7 % tad-Dħul Gross Nazzjonali, b'mira intermedja ta' 0,39 % sas-sena 2006; sa dik is-sena l-Istati Membri għandhom jilħqu l-mira ta' mill-inqas 0,33 % tad-Dħul Gross Nazzjonali individwalment. Meta jitqies li l-maġġoranza ta' l-iktar pajjiżi foqra jiffurmaw parti mill-grupp ta' l-ACP, avviċinament koerenti ta' l-UE biex jintlaħqu l-Miri ta' l-Iżvilupp tal-Millenju għandu jimplika mill-inqas li l-għajnuna ta' l-UE lill-pajjiżi ta' l-ACP bħala proporzjon għad-Dħul Gross Nazzjonali ta' l-UE għandha tinżamm. Kwalunkwe tnaqqis ieħor fl-għajnuna ta' l-UE lill-pajjiżi ta' l-ACP f'rabta mad-Dħul Gross Nazzjonali ta' l-UE, fi żmien meta l-estimi tal-kooperazzjoni nazzjonali qed jiżdiedu, jista' jirrappreżenta bidla sostanzjali fil-mezzi ta' għajnuna ta' l-UE: inqas għajnuna tal-Komunità u aktar forom ta' għajnuna bilaterali jew/u multilaterali oħra, bla ebda garanziji fuq il-livell ta' għajnuna li tingħata lill-pajjiżi ta' l-ACP.

F'dan l-isfond, il-Perspettivi Finanzjarji proposti għall-2007-2013 qed jassumu li l-livell ta' għajnuna għal azzjonijiet li bħalissa qed ikunu ffinanzjati mill-EDF ikun ugwali għal 0,031 % tad-Dħul Gross Nazzjonali ta' l-UE[12], u li dan il-livell ta' għajnuna jiġi f'żieda ma' l-appoġġ li jkun ingħata diġà permezz ta' linji eżistenti ta' estimi. Dawn ir-riżorsi ta' l-estimi li diġà ġew allokati lill-pajjiżi ta' l-ACP jikkonċernaw l-aktar għajnuna umanitarja u ta' emerġenza, il-linja ta' l-estimi għall-Afrika t'Isfel u diversi linji ta' l-estimi li jappoġġjaw punti tematiċi speċifiċi bħalma huma s-sigurtà ta' l-ikel, il-ftehim tas-sajd, id-drittijiet tal-bniedem u s-soċjetà ċivili jew inkella jindirizzaw problemi ambjentali, u jammontaw għal madwar 700 miljun Euro fuq bażi annwali.

*Il-Perspettivi finanzjarji 2007-2013*

Fi Frar 2004, il-Kummissjoni ppubblikat komunikazzjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew fuq l-isfidi ta' politika u mezzi ta' l-estimi li jolqtu l-Unjoni mkabbra għall-perjodu 2007 – 2013[13]. Din il-komunikazzjoni tinkorpora l-prinċipju li tintegra l-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' l-ACP U l-OCT fl-estimi tal-Komunità. Dawn ir-riflessjonijiet kienu żviluppati iżjed f'Lulju ta' l-2004 f'komunikazzjoni lill-Kunsill u lill-Parlament fuq il-Perspettivi Finanzjarji għall-perjodu 2007-2013[14]. Il-komunikazzjoni tad-29 ta' Settembru 2004 fuq l-Istrumenti għall-Għajnuna Barranija taħt il-Perspettivi Finanzjarji tal-Ġejjieni 2007-2013 tistieden lill-Kunsill u l-Parlament biex jadottaw ir-regolament propost fuq il-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Kooperazzjoni ta' Żvilupp li għandu jinkludi l-attivitajiet ewlenin ta' l-EDF preżenti, u biex jadottaw ir-regolament propost għall-istrument ta' Stabbiltà li għandu jinkludi wkoll għajnuna għall-azzjonijiet li bħalissa qed ikunu ffinanzjati taħt il-EDF[15].

Dwar l-intestatura ta' l-għajnuna barranija, il-perspettivi finanzjarji 2007-2013 huma bbażati fuq struttura mħaffa mibnija madwar tliet strumenti ġodda li jikkorrispondu għall-politika tar-relazzjonijiet barranin li tkopri: politika ta' qabel is-sħubija, politika fuq il-pajjiżi ġirien, u

[12] Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni għall-KUMM(2004)629, l-Artikolu 24, jirreferi għall-KUMM(2003)519 fuq l-estimi, li tispeċifika (il-punt 4.3) li medja ta' madwar 0,031 % tad-Dħul Gross Nazzjonali "għandu mill-inqas ikun immirat wara l-approvazzjoni ta' l-estimi".

[13] KUMM(2004)101, l-10.02.2004.

[14] Artikolu KUMM 136 tar-Regolamenti Finanzjarji applikabbli għad-Disa' EDF (ĠU L83, ta' l-01.04.2003), tipprovdi għal valutazzjoni mill-ġdid dwar ir-riżorsi riżervati għall-ispejjeż ta' implimentazzjoni. (2004) 487, ta' l-14.07.2004.

[15] KUMM(2004)626, 629 u 630, tad-29.09.2004.

politika biex ikunu appoġġjati l-kooperazzjoni ekonomika u dik ta' l-iżvilupp ma' pajjiżi oħra. Dawn it-tliet strumenti ewlenin immexxija minn politika huma kkumplementati bi tliet strumenti orizzontali biex jindirizzaw ħtiġiet speċifiċi, l-aktar biex iwieġbu għal sitwazzjonijiet ta' kriżi (l-għajnuna makro-finanzjarja u l-istrumenti ta' għajnuna umanitarja eżistenti kif ukoll l-istrument il-ġdid ta' l-istabbiltà). L-ACP jista' jgawdi minn tlieta minn dawn is-sitt strumenti:

- L-istrument tal-kooperazzjoni ta' żvilupp u kooperazzjoni ekonomika, li jkopri l-pajjiżi kollha barra ċ-ċirku ta' ġewwa tal-pajjiżi ta' qabel is-sħubija u l-pajjiżi ġirien kif ukoll l-iktar strumenti orizzonatli b'dimensjoni predominanti ta' żvilupp. Dan se jkopri l-parti ewlenija tal-pakkett finanzjarju għall-appoġġ lill-ACP li bħalissa huwa ffinanzjat taħt l-EDF. L-ACP għandu jirrappreżenta aktar min-nofs il-pakket finanzjarju globali ta' dan l-istrument u għandu impatt kbir fuq in-natura ta' l-iżvilupp tiegħu.

- L-istrument ta' l-għajnuna umanitarja, li se jkopri l-ħidmiet ECHO. Dan l-istrument se jirċievi għajnuna biex ikopri appoġġ umanitarju u ta' emerġenza lill-ACP u li bħalissa qed tkun iffinanzjata taħt l-EDF[16].

- L-istrument ta' l-istabbiltà, li se jinkludi għajnuna għal interventi ta' paċi u sigurtà mill-appoġġ li bħalissa qed ikun iffinanzjat taħt il-EDF, bħalma hija l-Faċilità tal-Paċi Afrikana.

Barra minn hekk, l-intestatura ta' l-għajnuna barranija tal-perspettivi finanzjarji talloka 4 % ta' l-infiq ta' l-operat għall-ispejjeż ta' implimentazzjoni, kontra x-xenarju tal-linja ta' bażi ta' 1 % ipprovdut taħt id-Disa' EDF, li wera li ma kienx strutturalment biżżejjed biex ikopri ż-żieda fin-nefqa li kienet ġejja mid-devoluzzjoni. Dawn l-ispejjeż ta' implimentazzjoni jinkludu wkoll dispożizzjoni miżjuda għal sorveljanza u valutazzjoni msaħħa li huma meħtieġa minħabba l-bidla lejn tmexxija orjentata iżjed lejn ir-riżultati li kienet iddaħħlet f'dawn l-aħħar snin fl-għoti ta' l-għajnuna tal-Komunità[17].

Għalkemm s'issa l-OCTs dejjem kienu inklużi fil-kalkulazzjoni ta' l-EDF, waqt li kienu koperti bil-Ftehim Intern, dawn mhumiex parti mill-ACP u mhumiex koperti bil-protokoll finanzjarju. L-għajnuna ta' l-Istat Membru għall-assistenza barranija lill-OCT għalhekk mhix koperta b'din il-komunikazzjoni. Taħt id-Disa' EDF, is-sehem ta' l-OCT fl-ammont sħiħ ta' l-EDF (175 miljun Euro, minn 13 800 miljun Euro) huwa ta' 1,27 %. Dan is-sehem relattiv inżamm għall-Perspettivi Finanzjarji 2007-2013[18].

*Il-Qafas multi-annwali taħt il-Ftehim tas-Sħubija ACP-UE*

Il-Kummissjoni qed tipproponi li tiffissa il-31 ta' Diċembru 2007 bħala d-data li minnha 'l quddiem ikunu jistgħu jinħallu l-obbligi tal-fondi tad-Disa' EDF, waqt li approprijazzjonijiet ta' rabta ġodda jkunu meħtieġa biss mill-1 ta' Jannar 2008 'il quddiem. L-orizzont ta' tfassil tal-perspettivi finanzjarji 2007-2013 jistgħu jirriżultaw f'li jittawwal iċ-ċiklu ta' l-ipprogrammar minn 5 għal 6 snin[19]. Dan jista' jkollu l-vantaġġ ta' żmien aktar bilanċjat għar-

---

16 Ara d-Dokumenti ta' Ħidma tas-Servizzi tal-Kummissjoni, il-Qafas Finanzjarju Multi-annwali 2007-2013, *Fiche* 37 fuq it-Tagħrif li Jispikka fl-Intestatura 4 tad-9.11.2004 u *Fiche* 39 fuq l-Istrument ta' l-Għajnuna Uminitarja ta' l-10.11.2004.

17 L-Artikolu 136 tar-Regolamenti Finanzjarji applikabbli għad-Disa' EDF (ĠU L83, ta' l-01.04.2003), jipprovdi għal valutazzjoni mill-ġdid dwar ir-riżorsi riżervati għall-ispejjeż ta' implimentazzjoni.

18 Ara d-Dokumenti ta' Ħidma tas-Servizzi tal-Kummissjoni, il-Qafas Finanzjarju Multiannwali 2007-2013, *Fiche* 37 tad-09/11/2004.

19 F'dan kil-każ, l-Artikolu 95 tal-Ftehim ta' Cotonou jeħtieġ reviżjoni.

reviżjoni tat-terminu medju fl-aħħar tat-tielet sena. Din tista' tkun tippermetti li jkun hemm allokazzjonijiet sostanzjali mill-ġdid fejn ikun meħtieġ, kif ukoll twettiq aħjar ta' l-eżerċizzju ta' ippjanar fl-istrumenti kollha ta' l-għajnuna ġeografika barranija, liema strumenti jkunu mmexxija minn politika.

Għal raġunijiet ta' paragun mal-Protokoll Finanzjarju preżenti tad-Disa' EDF, il-perspettivi finanzjarji ta' l-appoġġ ekwivalenti ta' l-EDF għall-ACP huma mfissra fi prezzijiet kurrenti, li huma bbażati fuq it-tkabbir tal-Kummissjoni u x-xenarju ta' l-inflazzjoni użat għall-perspettivi finanzjarji ġenerali[20].

Ix-xenarju adottat għall-perspettivi finanzjarji ġenerali huwa bbażat fuq il-kunċett li r-rata tar-rabta se tiżdied b'mod progressiv biex tilħaq quċċata relattiva fis-snin eżattament qabel u eżattament wara r-reviżjoni tat-terminu medju, li mbagħad terġa' taqa' lura għal rata ta' rabta relattiva medja fl-aħħar sena taċ-ċiklu[21]. Dan ix-xenarju huwa ġġustifikat kif ġej:

– minħabba li s-snin 2006 u 2007 se jkunu ffukati l-aktar fuq it-tmiem tar-reviżjoni tat-terminu, it-tħejjija taċ-ċiklu ta' l-ipprogrammar il-ġdid u fuq ir-rabtiet finali taħt id-Disa' EDF 'il quddiem mill-kwalsola proposta ta' l-għeluq tal-31 ta' Diċembru 2007, ir-rata tar-rabta fl-ewwel sena tal-qafas finanzjarju multi-annwali l-ġdid tista' tkun b'mod raġonevoli iktar baxxa mill-medja, kontra dak li ġara taħt id-Disa' EDF;

– l-esperjenza li nkisbet bir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tikkonferma li dan l-eżerċizzju jinbena b'mod b'saħħtu biex jorbot il-fondi qabel ir-reviżjoni;

– ir-reviżjonijiet ta' nofs it-terminu u tat-tmiem tat-terminu se jqisu għal darb'oħra t-turija u l-ħila ta' l-assorbiment u se jwasslu f'allokazzjonijiet mill-ġdid li se jħaffu aktar ir-rabtiet;

– fl-aħħar sena taċ-ċiklu ta' l-ipprogrammar, ir-rabtiet jintemmu u l-attenzjoni ddur għal darb'oħra fuq iċ-ċiklu ta' l-ipprogrammar li ġej.

**Il-Perspettivi finanzjarji għall-appoġġ ekwivalenti ta' l-EDF lill-ACP, 2005-2013**

*F'miljuni ta' Euro, prezzijiet kurrenti*

| | *2004* | *2005* | *2006* | *2007* | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2008 - 2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | *Disa' EDF – tbassir* | | | | | | | | | | |
| EDF gross ekwivalenti | *2 865* | *4 305* | *3 900* | *2 850* | 3 445 | 3 803 | 4 201 | 4 391 | 4 497 | 4 611 | 24 948 |
| *Varjazzjoni madwar il-medja tad-Dħul Gross Nazzjonali* | | | | | *-7,5%* | *-2,2%* | *3,5%* | *3,8%* | *1,8%* | *0,0%* | |
| *Medja annwali* (**) | | | | *2 950* | | | | | | | *4 158* |
| OCT | | | | | -43 | -49 | -53 | -56 | -57 | -59 | -317 |
| Għajnuna għall-istrument ta' stabbiltà | | | | | *-108* | *-110* | *-113* | *-115* | *-117* | *-120* | -683 |

[20] Ix-xenarju tal-Kummissjoni huwa bbażat fuq rata medja ta' inflazzjoni annwali ta' 2 %, fuq rata medja ta' tkabbir annwali ta' 2,3 % u jassumi li r-Rumanija u l-Bulgarija se jissieħbu fl-Unjoni Ewropea fl-2007.

[21] KUMM(2004)629, tad-29.09.2004.

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Għajnuna għall-istrument ta' l-għajnuna umanitarja. | | | | | -60 | -61 | -62 | -63 | -64 | -66 | -376 |
| Għajnuna grossa lill-istrument tad-DCEC. (*) | | | | | *3 234* | *3 583* | *3 973* | *4 157* | *4 259* | *4 366* | 23 572 |
| Spejjeż ta' implimentazzjoni tad-DCEC (*) (4 %) | | | | | *-130* | *-143* | *-159* | *-166* | *-170* | *-175* | -943 |
| Għajnuna netta għall-istrument tad-DCEC. (*) | | | | | 3 104 | 3 440 | 3 814 | 3 991 | 4 089 | 4 191 | 22 629 |

*(*) DCEC = l-istrument tal-kooperazzjoni ta' l-iżvilupp u l-kooperazzjoni ekonomika.*

*(**) Il-medja annwali tad-Disa' EDF ta' 2 950 miljun Euro tkopri l-perjodu 2000-'07 u tinkludi l-'biljun kundizzjonali' (ara l-Anness 2).*

Il-perspettivi finanzjarji proposti għall-perjodu 2008-2013 għall-għajnuna barranija li bħalissa hija ffinanzjata mill-EDF, tlaħħaq is-somma ta' 24 948 miljun Euro. Fuq bażi annwali, din hija ta' 4 158 miljun Euro, jew żieda nominali ta' 41 % meta mqabbla mar-rata tar-rabta mistennija matul il-perjodu 2000-'07 (inklużi l-bilanċi ta' l-EDFs ta' qabel)[22]. Ir-rata tat-tkabbir reali hija ta' 26 % meta mqabbla mal-perjodu kollu 2000-'07. Din iż-żieda tista' terġa' tinqasam bejn l-effett tat-tkabbir (5,4 %) u l-effett ta' ġid li jkun ġej mir-rabta mad-Dħul Gross Nazzjonali ta' l-UE.

## 4. Il-Ġejjieni tal-Protokoll Finanzjarju

L-appoġġ ekwivalenti ta' l-EDF lill-ACP ġie mdaħħal sewwa fil-perspettivi finanzjarji 2007-2013 u fir-regolamenti li għandhom jiġu adottati mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-istrumenti l-ġodda ta' għajnuna barranija. Bħala riżultat ta' dan, mhux se jkun aktar meħtieġ protokoll finanzjarju ġdid mehmuż mal-Ftehim ACP-UE li jkun jikkonferma ammont għall-kooperazzjoni ta' l-ACP u klawsola ta' l-għeluq li tkun tistabbilixxi d-data ta' l-għeluq fi tmiem iċ-ċiklu tal-programmar. Barra minn hekk, il-Ftehim tas-Sħubija ACP-UE għandu jiġi emendat kif xieraq matul ir-reviżjoni li għadha għaddejja.

Madankollu, bi tweġiba għat-talba tal-Kunsill li jitħejja xenarju alternattiv għall-estimi, it-tagħrif t'hawn fuq jista' jinbidel fi protokoll finanzjarju ġdid ma' kontenut li jissokta u li jkun ħafif, waqt li titqies li bl-introduzzjoni tal-klawsola ta' l-għeluq taħt id-Disa' EDF, l-ebda bilanċi mhu se jkunu trasferiti:

- L-Anness I.1 Il-Perjodu ta' Żmien: il-protokoll finanzjarju preżenti jintemm fit-28 ta' Frar 2005 iżda jkopri l-ammonti għall-perjodu sa l-2007. Kwalunkwe protokoll ġdid, li jkun jibda fl-1 ta' Marzu 2005, se jkopri l-ammonti għar-rabta li tibda mill-1 ta' Jannar 2008 'il quddiem.
- L-Anness I.2 Il-Pakkett Finanzjarju: ara l-qafas multi-annwali msemmi hawn fuq.
- L-Anness I.3 l-Allokazzjoni netta tal-protokoll finanzjarju li huwa ekwivalenti għall-EDF fuq il-firxa ta' l-istrumenti differenti: ammont ta' 1 500 miljun Euro se jitmexxa mill-EIB biex jikkumplementa l-kapital tal-Faċilità ta' l-Investiment (1

[22] Din ir-rata tat-tkabbir ma tinkludix fiha l-parteċipazzjoni ta' l-ACP fl-inizjattivi orizzontali li huma ffinanzjati diġà mill-estimi u li se jissaħħu aktar taħt il-Perspettivi Finanzjarji proposti 2007-2013.

100 miljun Euro) kif ukoll biex jipprovdi sussidji fuq l-interessi (400 miljun Euro); il-bilanċi se jitmexxew mill-Kummissjoni[23].

- L-anness I.4-5 Klawsoli proċedurali simili bħal ma hemm fil-Protokoll Finanzjarju preżenti I.7-8.

## 5. L-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA GĦALL-ISTATI MEMBRI

